# QORTI CIVILI - PRIM'AWA

**IMHALLEF : ONOR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-15 ta' Gunju 2001**

**Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1093/00**

**Carmelo sive Charles Borg**

**-vs-**

**Giovanna sive Jane Borg, bint Paul Borg u Adelaide Borg, imwielda Birkirkara, Malta**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Giovanna sive Jane Borg fejn gie premess :

Illi permezz ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1093/00 (anness u mmarkat bhala Dok.A) akkordat minn din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' Marzu, 2000, l-esponenti giet mizmuma milli tiehu lill-minuri Celina, bint il-partijiet, barra minn Malta;

Illi l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni ghandu jigi revokat u mhassar ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-intimat Carmelo Borg naqas milli jipprocedi permezz ta' kawza ad hoc in konnessjoni ma' l-imsemmi hrug tal-mandat fiz-zmien li taghtih il-ligi. Illi l-intimat jindika biss illi huwa pproceda permezz ta' kawza kontra l-esponenti odjerna u jirreferi ghal citazzjoni numru 2065/99NA. Din il-kawza hija biss kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet u ma hemm ebda referenza ghall-mandat ta' inibizzjoni msemmi, jew ghall-hrug jew meno tal-minuri barra l-pajjiz;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux gustifikat li l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni jibqa' jinzamm fis-sehh fic-cirkostanzi prezenti. L-esponenti ghandha r-residenza unika taghha f'Malta u ma ghandha ebda konnessjoni ma' ebda pajjiz iehor. L-esponenti ghandha x-xewqa li tmur (bejn it-28 ta' Awissu 2001 sal-10 ta' Settembr 2001) flimkien mal-minuri Celine izzur lil binha Kenneth Borg li qieghed temporanjament jahdem gewwa l-Ungerija. Fil-prezent, binha Kenneth qieghed fl-impossibilita' li jzur Malta minhabba xogholu u kemm l-esponenti kif ukoll il-minuri Celina ghandhom herqa kbira li jarawh. Ghalhekk ghandu jirrizulta li, anke in vista tal-istabbilita tal-esponenti gewwa Malta, l-imsemmi mandat huwa biss vessatorju fil-konfront taghha u tal-minuri Celine;

Ghalhekk ir-rikorrenti, in vista tas-suespost, talbet li din il-Qorti tirrevoka u thassar il-mandat ta' inibizzjoni numru 1093/00 ai termini tal-Artikli 836(1)(b) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jew alternattivament, fin-nuqqas illi tirrevoka u thassar l-imsemmi mandat illi tawtorizza lill-esponenti ssiefer mal-minuri Celina limitatament ghall-imsemmija zjara fl-Ungerija bejn it-28 ta' Awissu 2001 sal-10 ta' Settembru 2001, u dan taht kull provvediment opportun;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2001 minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ddikjarat li mhux qed tinsisti ghat-talba taghha ghar-revoka tal-mandat in kwestjoni;

Semghet lir-rikorrenti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-istess verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2001;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti qed titlob li jigi revokat u mhassar il-mandat ta' inibizzjoni numru 1093/00 u dana ai termini tal-artikli 836(1)(b) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Alternattivament ir-rikorrenti qed titlob li tigi awtorizzata ssiefer mal-minuri Celina limitatament ghall-zjara fl-Ungerija u dana bejn it-28 ta' Awissu 2001 sal-10 ta' Settembru 2001;

In vista ta' dak li gie dikjarat mir-rikorrenti fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2001 mhux ser tigi deciza t-talba tal-istess rikorrenti ghar-revoka tal-mandat in kwestjoni. Ghalhekk tibqa biss li tigi deciz it-talba alternattiva tar-rikorrenti u cioe li hi tigi awtorizzata ssiefer mal-minuri Celina limitatament ghall-zjara fl-Ungerija bejn it-28 ta' Awissu 2001 sal-10 ta' Settembru 2001;

In vista tal-provi kollha prodotti u in vista tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz jirrizulta li hu opportun li din it-talba tigi akkolta purche' ir-rikorrenti tobbliga ruha fl-atti ta' dan ir-rikors li tirritorna lura Malta flimkien mal-imsemmija minuri mhux aktar tard mill-10 ta' Settembru 2001 u ghandha tghamel tajjeb ghal din l-obbligazzjoni minnha assunta billi tghamel garanzija personali taghha nfisha ghas-somma ta' hames mitt liri maltin (Lm500);

Ghal dawn il-motivi:

Tastjeini milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti dwar r-revoka tal-mandat in kwestjoni;

Tiddeciedi dwar it-talbiet l-ohra billi tilqa l-istess talbiet u tawtorizza r-rikorrenti ssiefer mal-minuri bintha Celina limitatament ghall-zjara fl-Ungerija bejn it-28 ta' Awissu 2001 sal-10 ta' Settembru 2001 b'dan illli r-rikorrenti ghandha tobbliga ruha fl-atti ta' dan ir-rikors li tirritorna lura Malta flimkien mal-imsemmija minuri mhux aktar tard mill-10 ta' Settembru 2001 u ghandha tghamel tajjeb ghal din l-obbligazzjoni taghha billi tghamel garanzija personali taghha nfisha ghas-somma ta' hames mitt liri maltin (Lm500);

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.